Strateġija

# Strateġija tal-EDPB 2021-2023

## Adottata fil-15 ta' Diċembru 2020

| |
|---|
| Translations proofread by EDPB Members.<br>This language version has not yet been proofread. |

# Werrej


1 Introduzzjoni .... 3

2 Il-pilastru 1: L-avvanz fl-armonizzazzjoni u fl-iffaċilitar tal-konformità .... 3

3 Il-pilastru 2: Appoġġ għall-infurzar effettiv u l-kooperazzjoni effiċjenti bejn l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali .... 4

4 Il-pilastru 3: Approċċ tad-drittijiet fundamentali għat-teknoloġiji l-ġodda .... 5

5 Il-pilastru 4: Id-dimensjoni globali .... 5

# 1 INTRODUZZJONI

1. Il-missjoni tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (EDPB) hija li tiżgura l-applikazzjoni konsistenti tar-regoli Ewropej għall-protezzjoni tad-*data* u li tippromwovi l-kooperazzjoni effettiva fost l-awtoritajiet superviżorji fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) kollha.

2. Fil-25 ta' Mejju 2018, l-EDPB beda jimplimenta qafas istituzzjonali u legali ġdid. Dan il-qafas jinkludi kemm ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*[1] (GDPR) kif ukoll id-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi[2] (LED). Taħt il-GDPR u l-LED, il-kooperazzjoni ma għadhiex aktar għażla jew kompitu anċillari, iżda hija parti ewlenija u integrali tax-xogħol tagħna. Filwaqt li sar ħafna progress, aħna rridu nindirizzaw sensiela ta' sfidi sabiex intejbu l-protezzjoni tad-*data* personali fi ħdan il-fruntieri tagħna u lil hinn minnhom. Sabiex ikun effettiv fil-konfront tal-isfidi ewlenin li ġejjin, l-EDPB iddeċieda li jiddefinixxi strateġija għall-2021-2023.

3. L-għan aħħari tagħna li nipproteġu l-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali jkompli jimmotiva l-azzjonijiet tagħna. L-iżvilupp ta' kultura komuni ta' protezzjoni tad-*data*, li sservi bħala ispirazzjoni u mudell fuq livell globali, huwa fil-qalba tal-istrateġija tagħna.

4. Din l-Istrateġija ma tipprovdix ħarsa ġenerali eżawrjenti tal-ħidma tal-EDPB fis-snin li ġejjin. Pjuttost, din tistabbilixxi l-erba' pilastri ewlenin tal-objettivi strateġiċi tagħna, kif ukoll sett ta' azzjonijiet ewlenin biex jgħinu fil-kisba ta' dawn l-objettivi. L-EDPB għandu jimplimenta din l-Istrateġija fi ħdan il-Programm ta' Ħidma tiegħu, u għandu jirrapporta dwar il-progress miksub b'rabta ma' kull Pilastru bħala parti mir-rapporti annwali tiegħu.

# 2 IL-PILASTRU 1: L-AVVANZ FL-ARMONIZZAZZJONI U FL-IFFAĊILITAR TAL-KONFORMITÀ

5. L-EDPB għandu jkompli jistinka għal a grad massimu ta' konsistenza fl-applikazzjoni tar-regoli tal-protezzjoni tad-*data* u jillimita l-frammentazzjoni fost l-Istati Membri. Minbarra li jipprovdi gwida prattika, li faċilment tinftiehem u aċċessibbli, l-EDPB għandu jiżviluppa u jippromwovi għodod li jgħinu biex tiġi implimentata l-protezzjoni tad-*data* fil-prattika, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-esperjenzi prattiċi tal-partijiet ikkonċernti differenti fuq il-post.

- **Azzjoni ewlenija 1:** l-EDPB għandu jiffoka fuq li jipprovdi aktar gwida dwar il-kunċetti ewlenin tal-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data* (eż., dwar il-kunċett ta' interess leġittimu, dwar il-kamp ta' applikazzjonji tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data*) li huma essenzjali għall-applikazzjoni konsistenti tagħha. Permezz tal-organizzazzjoni ta' avvenimenti ddedikati għall-partijiet ikkonċernati u ta'

[1] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*).

[2] Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI.

konsultazzjonijiet pubbliċi, aħna se nkomplu nimpenjaw ruħna ma' firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati esterni (kumpaniji kbar u SMEs, NGOs, networks tad-UPD u professjonisti oħra tal-protezzjoni tad-*data*) sabiex niżguraw rilevanza prattika. Għandhom isiru sforzi addizzjonali biex isir użu aktar proattiv tal-mekkaniżmu ta' konsistenza kif ukoll ta' għodod oħra sabiex jiġu indirizzati lakuni jew diverġenzi potenzjali fl-interpretazzjoni u l-prattiki fl-Istati Membri.

- **Azzjoni ewlenija 2:** l-EDPB għandu jkompli jippromwovi **l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' mekkaniżmi ta' konformità għall-kontrolluri u l-proċessuri**: għandhom jiġu investiti sforzi u riżorsi akbar – b'mod partikolari permezz ta' workshops u taħriġ tal-persunal iddedikati – għall-istimulazzjoni tal-iżvilupp ta' għodod biex jippromwovu l-konformità, b'mod partikolari l-kodiċi ta' kondotta u ċ-ċertifikazzjonijiet.

- **Azzjoni ewlenija 3:** l-EDPB għandu jrawwem l-iżvilupp ta' **għodod komuni** għal udjenza usa' u jipparteċipa **f'attivitajiet ta' promozzjoni ta' sensibilizzazzjoni u ta' outreach:** l-EDPB diġà joħroġ linji gwida u opinjonijiet indirizzati lill-professjonisti b'għarfien espert estensiv. Bis-saħħa tar-riżorsi diġà disponibbli fil-livell nazzjonali, il-Bord għandu jiżviluppa għodod speċifikament imfassla għall-professjonisti mhux esperti, bħall-SMEs, u għas-suġġetti tad-data, b'mod partikolari t-tfal.

# 3 IL-PILASTRU 2: APPOĠĠ GĦALL-INFURZAR EFFETTIV U L-KOOPERAZZJONI EFFIĊJENTI BEJN L-AWTORITAJIET SUPERVIŻORJI NAZZJONALI

6. L-EDPB huwa impenjat bis-sħiħ biex jappoġġa l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali kollha li jaħdmu flimkien biex jinfurzaw il-liġi Ewropea għall-protezzjoni tad-*data*. Aħna għandna nissimplifikaw il-proċessi interni, ngħaqqdu l-għarfien espert u nippromwovu l-koordinazzjoni mtejba. Aħna għandna l-ħsieb li mhux biss niżguraw funzjonament aktar effiċjenti tal-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u ta' konsistenza, iżda wkoll li nistinkaw għall-iżvilupp ta' kultura ġenwina ta' infurzar fl-UE kollha fost l-awtoritajiet superviżorji.

  - **Azzjoni ewlenija 1**: jiġi mħeġġeġ u ffaċilitat **l-użu tal-firxa sħiħa ta' għodod ta' kooperazzjoni** minquxa fil-Kapitolu VII tal-GDPR u l-Kapitolu VII tal-LED, jitnaqqsu l-lakuni jew id-differenzi bejn il-proċeduri nazzjonali ta' infurzar, u b'mod kontinwu jiġu evalwati u mtejba l-effiċjenza u l-effettività ta' dawn l-għodod. Barra minn hekk, tiġi promossa applikazzjoni komuni ta' kunċetti ewlenin fil-proċedura ta' kooperazzjoni u tisħiħ tal-komunikazzjoni bejn l-AS.

  - **Azzjoni ewlenija 2:** jiġi implimentat **Qafas ta' Infurzar Ikkoordinat** (CEF) biex jiġu ffaċilitati azzjonijiet konġunti b'mod flessibbli iżda kkoordinat, li jvarjaw minn promozzjoni ta' sensibilizzazzjoni u ġbir ta' informazzjoni konġunti għal azzjonijiet ta' infurzar u investigazzjonijiet konġunti. Is-CEF għandu jiffaċilita l-koordinazzjoni ta' azzjonijiet ta' infurzar immotivati minn prijoritajiet identifikati b'mod komuni u bl-użu ta' metodoloġiji komuni.

  - **Azzjoni ewlenija 3:** jiġi stabbilit **Grupp ta' Appoġġ tal-Esperti (SPE)** abbażi ta' proġett pilota, bil-ħsieb li jiġi pprovdut appoġġ materjali fil-forma ta' għarfien espert li huwa utli għall-investigazzjonijiet u l-attivitajiet ta' infurzar ta' interess komuni sinifikanti u jiġu mtejba l-kooperazzjoni u s-solidarjetà bejn l-AS kollha bit-tisħiħ u l-ikkumplimentar tal-punti sodi tal-AS individwali u bl-indirizzar tal-ħtiġijiet operattivi.

# 4 IL-PILASTRU 3: APPROĊĊ TAD-DRITTIJIET FUNDAMENTALI GĦAT-TEKNOLOĠIJI L-ĠODDA

7. Il-protezzjoni tad-*data* personali tgħin biex jiġi żgurat li t-teknoloġija, il-mudelli ta' negozju ġodda u s-soċjetà jiżviluppaw skont il-valuri tagħna, bħal ma huma d-dinjità tal-bniedem, l-awtonomija u l-libertà. L-EDPB għandu b'mod kontinwu jissorvelja t-teknoloġiji ġodda u emerġenti u l-impatt potenzjali tagħhom fuq id-drittijiet fundamentali u l-ħajja ta' kuljum tal-individwi. Il-protezzjoni tad-*data* għandha taħdem għall-persuni kollha, b'mod partikolari quddiem attivitajiet ta' pproċessar li jippreżentaw l-akbar riskji għad-drittijiet u l-libertajiet tal-individwi (eż. għall-prevenzjoni ta' diskriminazzjoni). Aħna se ngħinu biex insawru l-futur diġitali tal-Ewropa f'konformità mal-valuri u r-regoli komuni tagħna. Se nkomplu naħdmu ma' regolaturi oħra u ma' dawk li jfasslu l-politika biex nippromwovu l-koerenza regolatorja u l-protezzjoni mtejba għall-individwi.

- **Azzjoni Ewlenija 1**: **Il-valutazzjoni ta' teknoloġiji ġodda:** is-sorveljanza, il-valutazzjoni u l-istabbiliment b'mod proattiv ta' pożizzjonijiet u gwida komuni fir-rigward ta' applikazzjonijiet teknoloġiċi ġodda f'oqsma bħall-intelliġenza artifiċjali (AI), il-bijometrika, it-tfassil ta' profili, it-teknoloġija tar-reklamar u l-evalwazzjoni kontinwa ta' pożizzjonijiet eżistenti dwar applikazzjonijiet bħal servizzi cloud, blockchain, eċċ.

- **Azzjoni Ewlenija 2**: **It-tisħiħ tal-protezzjoni tad-*data* mid-disinn u b'mod awtomatiku u tal-kontabbiltà**: il-provvista ta' gwida ċara dwar kif b'mod effettiv jiġu implimentati l-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data*, dwar dak li l-individwi huma intitolati jistennew u dwar x'jistgħu jagħmlu l-organizzazzjonijiet biex ikomplu jtejbu l-kapaċità tal-individwi li jeżerċitaw kontroll fuq id-*data* personali tagħhom u juru konformità mal-obbligi tagħhom.

- **Azzjoni Ewlenija 3**: l-intensifikazzjoni **tal-impenn u l-kooperazzjoni ma' regolaturi oħra** (eż. l-awtoritajiet tal-protezzjoni tal-konsumatur u tal-kompetizzjoni) **u ma' dawk li jfasslu l-politika** biex jiġi żgurat li l-individwi jirċievu l-aħjar protezzjoni u jiġi evitat milli jseħħu danni, inkluż fejn meħtieġ jew xieraq fil-kuntest ta' konsultazzjonijiet miftuħa dwar abbozzi ta' proposti ġodda jew proġetti ġodda.

# 5 IL-PILASTRU 4: ID-DIMENSJONI GLOBALI

8. L-EDPB huwa determinat li jistabbilixxi u jippromwovi standards għoljin fil-livell tal-UE u globali fir-rigward tat-trasferimenti internazzjonali ta' *data* lil pajjiżi terzi fis-settur privat u pubbliku, inkluż fis-settur tal-infurzar tal-liġi. Aħna se nsaħħu l-impenn tagħna mal-komunità internazzjonali biex nippromwovu l-protezzjoni tad-*data* tal-UE bħala mudell globali u biex niżguraw il-protezzjoni effettiva tad-*data* personali lil hinn mill-fruntieri tal-UE.

- **Azzjoni Ewlenija 1: Il-promozzjoni tal-użu ta' għodod ta' trasferiment li jiżguraw livell essenzjalment ekwivalenti ta' protezzjoni u ż-żieda ta' sensibilizzazzjoni dwar l-implimentazzjoni prattika tagħhom**: tiġi żviluppata u pprovduta aktar gwida prattika dwar kif dawn l-għodod ta' trasferiment – b'mod speċjali dawk ġodda – jistgħu jżommu livell għoli ta' protezzjoni tad-*data* personali trasferita miż-ŻEE għal pajjiżi terzi, billi jiġu kkunsidrati r-riskji marbuta mal-aċċess għal *data* personali mill-awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi u l-ħtieġa li jiġu żgurati drittijiet infurzabbli, rimedju effettiv u salvagwardji fir-rigward ta' trasferimenti ulterjuri.

- **Azzjoni Ewlenija 2: L-involviment mal-komunità internazzjonali**: l-EDPB u l-membri tiegħu għandhom jagħmlu ħilithom biex jipparteċipaw fi djalogu ma' organizzazzjonijiet u networks istituzzjonali internazzjonali sabiex jipprovdu tmexxija fil-protezzjoni tad-*data* u jippromwovu standards għoljin ta' protezzjoni mad-dinja kollha.

- **Azzjoni Ewlenija 3**: l-iffaċilitar tal-parteċipazzjoni bejn il-membri tal-EDPB u l-awtoritajiet superviżorji ta' pajjiżi terzi b'enfasi fuq il-**kooperazzjoni f'każijiet ta' infurzar** li tinvolvi l-kontrolluri/proċessuri li jinsabu barra miż-ŻEE.

Għall-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*

Il-President

(Andrea Jelinek)